

# Aħbar Tajba

Sir 27, 30 – 28, 7
S 102 (103), 1-2.3-4.9-10.11-12
Rum 14, 7-9
Mt 18, 21-35

"Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej,
**bagħtu u ħafirlu dejnu."**

Meta kont żgħir kelli kollezzjoni ta' lapsijiet differenti. Irnexxieli nġemma' ħafna lapsijiet. Kelli minn kull kulur u forma - lapsijiet ħoxnin, irqaq u twal. Għalkemm kienu kollha lapsijiet differenti, kollha kellhom ħaġa waħda komuni, kollha kellhom gomma fuq il-parti ta' fuq. Għax x'jiswa lapes bla ma jkollok gomma? Anzi, kull darba li xi lapes kienet tispiċċalu l-gomma kont nibdlu ma' lapes li kellu gomma. Għalkemm mhux l-ewwel darba li kont nagħmel xi żball, kull darba, dik id-daqxejn ta' gomma kienet issalvani u kont nerġa' nibda mill-ġdid.

Dan kollu jfakkarni f'punt importanti ħafna, li aħna lkoll niżbaljaw. Hemm żbalji li forsi ma jaffettwawniex wisq waqt li oħrajn itellfuna ftit mhux ħażin. L-aktar ħaġa importanti hu li nitgħallmu mill-iżbalji tagħna ħalli ma nerġgħux naqgħu fl-istess żball. Imma f'dan kollu m'aħniex waħedna tafux?

Alla jafna sew, u jekk inħalluh se jgħinna nirbħu dawn id-diffikultajiet tagħna. Kien għalhekk li bagħat lil Ibnu Ġesù biex jurina li Alla qatt ma jaqta' qalbu minna. Dejjem lest li jilqagħna lura u jaħfrilna. Tana wkoll il-mezzi biex nirbħu l-iżbalji tagħna. Fost dawn insibu s-sagrament tal-qrar li permezz tiegħu Alla jaħfrilna dnubietna. Fih, il-konfessur se jgħinna nifhmu fejn żbaljajna u kif nistgħu nirbħu dan in-nuqqas. Imbagħad hemm ukoll is-sagrament tal-Ewkaristija li se jsaħħaħna biex inkomplu mexjin fit-triq it-tajba. Sa ċertu punt, Alla jħobb juża wkoll dik il-gomma żgħira fuq il-lapes biex inkunu nistgħu nerġgħu nippruvaw darb'oħra. U din id-darba ma niżbaljawx.

L-Evanġelju tal-lum jistedinna biex aħna wkoll ikollna l-istess attitudni mal-oħrajn. Wara kollox hekk nitolbu fil-Missierna: "aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina." Ġesù qed jistedinna biex aħna wkoll inżommu dik il-gomma żgħira ma' dawk qrib tagħna u naħfrulhom. Imma kemm-il darba rridu naħfru? Hekk staqsieh Pietru. Għal din il-mistoqsija Ġesù jurih li jrid jaħfer dejjem

Ikollna ngħidu li l-maħfra mhux pass facli imma kif għedna l-ewwel, m'aħniex waħedna. Alla lest li jgħinna nagħmlu dan il-pass u allura kull darba li ssibha diffiċli biex taħfer lil xi ħadd itlob lis-Sinjur Alla biex jgħinek.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** PIETRU, JONQOSNI, NAĦFIRLU, ĦIJA, SEBGĦA, SEBGĦIN, DARBA, SULTAN, KONTIJIET, QADDEJJA, KELLU, JAGĦTIH, ĦAFIRLU, TĦENN.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | L | Q | A | D | D | E | J | J | A |
| G | D | A | R | B | A | W | A | Ħ | D |
| J | O | N | Q | O | S | N | I | S | A |
| A | S | P | K | L | P | A | S | E | Ż |
| GĦ | U | IE | O | K | I | Ħ | N | B | GĦ |
| T | L | T | N | P | A | F | W | GĦ | I |
| I | T | R | T | L | Ħ | I | J | A | S |
| H | A | U | I | Ġ | U | R | Ż | E | E |
| P | N | P | J | K | E | L | L | U | B |
| Q | A | D | IE | D | E | U | J | A | GĦ |
| X | E | Ħ | T | Ħ | E | N | N | U | I |
| Ħ | A | F | I | R | L | U | Ħ | A | N |
| I | M | I | S | S | E | K | Ħ | B | T |
| A | L | T | J | E | N | N | E | S | R |





"Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej,
**bagħtu u ħafirlu dejnu."**

## Att ta' Fidi

Jiena nemmen b'fidi ferma
illi hemm Alla wieħed,
li jippremja t-tajbin u jikkastiga l-ħżiena.
Jiena nemmen li dan Alla
huwa wieħed fi tliet persuni ugwali,
u realment distinti,
li huma l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.
Nemmen li l-Iben ta' Alla sar bniedem
u ħa l-ġisem fil-ġuf purissimu ta' Marija Verġni
bil-virtù tal-Ispirtu s- Santu.
Bħala bniedem miet fuq is-salib għal dnubietna
u fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet.
Nemmen il-veritajiet l-oħra kollha,
li temmen u tgħallem
Ommna l-Knisja Mqaddsa Kattolika,
u dan kollu nemmnu għaliex Alla,
verità infallibbli, irrivelah
lill-istess Knisja Mqaddsa.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq



**info@sayitmalta.com**

Grazzi.


**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**



Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION